# TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

GUDIKATUR
**AVV. DR. ILONA SCHEMBRI**
**LL.B., LL.D., LL.M. (Lond.), Ph.D. (Birm.)**

**Udjenza tat-3 ta' Ġunju 2024**

**Talba nru. 231/2020 IS**

**SAINT JAMES HOSPITAL LTD. (C 17292) U B'DIGRIET TA' DAN IT-TRIBUNAL TAT-8 TA' APRIL 2024 IS-SOĊJETA' ATTRIĊI SAR JISIMHA SAINT JAMES OPERATIONS LIMITED (C 93172)**

***VERSUS***

**RODIANNE GRECH (I.D. 447885 (M))**

**IT-TRIBUNAL,**

Ra illi b'Avviż tat-Talba ippreżentat fis-6 t'Ottubru 2020 (a fol. 3), is-soċjeta' attriċi talbet l-ammont ta΄ ħamest elef Ewro (Eur 5,000.00) rappreżentanti prezz ta' servizzi mediċi u servizzi oħra konnessi u anċillari mogħtija lill-konvenuta fuq talba tal-istess konvenuta, bl-ispejjeż u bl-imgħax legali sad-data tal-ħlas effettiv.

Ra illi l-konvenuta ġiet debitament notifikata fl-24 ta' Novembru 2020 (a fol. 7).

Ra illi l-konvenuta ippreżentat ir-risposta tagħha fl-14 ta' Diċembru 2020 (a fol. 11).

Ra illi fl-14 ta' Diċembru 2020 il-konvenuta ippreżentat ukoll il-kontro-talba tagħha flimkien mar-rispost tagħha (a fol. 12).

Ra illi fid-19 ta' Jannar 2021, is-soċjeta' attriċi rikonvenzjonata ippreżentat ir-risposta tagħha għall-kontro-talba (a fol. 16).

Ra illi fl-10 ta' Mejju 2021, il-partijiet qablu illi l-provi kollha miġbura huma kemm għat-talba

kif ukoll għall-kontro-talba (a fol. 19 u 20).

Ra illi saru diversi seduti fir-rigward ta' dan il-każ u xehdu diversi persuni.

Ra illi fit-30 ta' Mejju 2022, is-soċjeta' attriċi għalqet il-provi tagħha (a fol. 79 u 80).

Ra illi fis-6 ta' Marzu 2024, il-konvenuta għalqet il-provi tagħha (a fol. 116).

Ra illi fis-6 ta' Marzu 2024, il-partijiet għalqu l-provi kollha tagħhom (a fol. 116).

Ra l-atti proċesswali.

Ra illi din il-kawża tħalliet għas-sentenza.

Ikkunsidra

L-ewwelnett, dan it-Tribunal ser jgħaddi sabiex jeżamina il-kontumaċja tal-konvenuta u wara ser jgħaddi sabiex jeżamina il-fatti tat-talba u tal-kontro-talba fid-dawl tal-provi miġjuba quddiemu u tal-Liġi.

Il-kontumaċja tal-konvenuta

Hekk kif għadu ġie rrimarkat hawn fuq, jidher mill-proċess illi l-konvenuta ġiet debitament notifikata b'din it-talba fl-24 ta' Novembru 2020 (a fol. 7) b'dan illi it-Tribunal irid jeżamina jekk il-konvenuta setgħetx waqgħet fi stat ta' kontumaċja peress illi f'dan ir-rigward, dan it-Tribunal jinnota illi Artikolu 4 (1) tal-leġislazzjoni sussidjarja 380.01 jipprovdi illi l-konvenut irid jippreżenta r-risposta tiegħu fi żmien tmintax-il jum mid-data tan-notifika, u b'dan illi l-konvenuta naqset milli tagħmel dan f'dan il-każ.

Biss pero', dan it-Tribunal jinnota illi l-elementi neċessarji sabiex ikun hemm kontumaċja ġew stabbiliti mill-Qorti ta' l-Appell fl-ismijiet ***Costantino Abela vs George Azzopardi*** deċiża fit-28 ta' Mejju, 1990, fejn il-Qorti ta' l-Appell irriteniet illi: "*Il-kontumaċja trid tkun kemm formali kif ukoll sostanzjali; l-assenza trid tkun kemm fl-atti kif ukoll fl-udjenza*." F'dan ir-rigward, it-Tribunal jinnota illi il-konvenuta dehret għas-seduta li kien imiss wara li ġiet hekk innotifikata, u dan skond il-verbal datat 14 ta' Diċembru 2020 (a fol. 8), u dan ukoll fejn il-konvenuta infurmat lit-Tribunal li r-risposta tagħha, bil-kontro-talba, kienet ġiet ippreżentata proprju fl-14 ta' Diċembru 2020.

Għaldaqstant, f'dan il-każ hu ċar mill-proċess illi l-konvenuta ma kienet qatt fi stat ta' kontumaċja u dan it-Tribunal jinnota wkoll illi tali punt legali qatt ma tressaq mill-ebda parti formanti minn dawn il-proċeduri tul dawn l-imsemmija proċeduri.

Il-fatti

Ma hux kontestat bejn il-partijiet illi l-konvenuta kienet irċeviet intervent mediku mingħand is-soċjeta' attriċi fuq talba tal-istess konvenuta.

Il-kontestazzjoni bejn il-partijiet hi dwar il-ħlas tal-imsemmi intervent mediku ġjaladarba l-konvenuta qed tallega illi ġiet misruqa mis-soċjeta' attriċi.

It-talba tas-soċjeta' attriċi

Ġjaladarba hemm talba u kontro-talba, tali Tribunal ser jgħaddi sabiex l-ewwel jiddeċiedi fuq it-talba tas-soċjeta' attriċi.

- Kuntratt bejn is-soċjeta' attriċi u l-konvenuta

*Stante* illi l-konvenuta iddeċidiet hi minn jeddha illi tieħu intervent mediku mingħand is-soċjeta' attriċi, tali ftehim wassal sabiex ikun hemm kuntratt verbali bejn il-partijiet, u dan għaliex il-Liġi tippermetti illi tali kuntratti fir-rigward ta' interventi mediċi jistgħu isiru kemm verbali u kemm bil-miktub.

- Il-kuntratti jridu jkunu eżegwiti bil-bona fidi

Artikolu 993 tal-Kodiċi Ċivili, Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta, jipprovdi illi

*"Il-kuntratti għandhom jiġu esegwiti bil-bona fidi, u jobbligaw mhux biss għal dak li jingħad fihom, iżda wkoll għall-konsegwenzi kollha li ġġib magħha l-obbligazzjoni skont ix-xorta tagħha, bl-ekwità, bl-użu jew bil-liġi."*

Il-Kodiċi Ċivili, Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta, ma jipprovdix definizzjoni ta' x'inhu bona fidi. Biss pero' fis-sentenza ***Pia Grech v Mondial Travel***, deċiża fis-7 ta' Novembru 2008,[1] l-Onorabbli Qorti rriteniet illi jrid isir test oġġettiv sabiex wieħed jistabbilixxi illi l-klawsoli fil-kuntratt kienu ġusti u ekwi bejn iż-żewġ partijiet, b'dan illli jfisser illi irid ikun applikabbli id-diliġenza tal-*bonus pater familias*.

F'dan il-każ, hu ċar illi s-soċjeta' attriċi applikat tali diliġenza b'attenzjoni kbira *stante* illi l-konvenuta kienet taf minn qabel ma sar l-intervent mediku kemm għandha tħallas lis-soċjeta' attriċi. Fil-fatt, tali punt huwa evidenti mix-xhieda u l-provi prodotti illi l-konvenuta kienet taf ben tajjeb kemm ser jiswa tali intervent mediku fit-totalita' tiegħu, tant hu hekk illi l-kontro-talba tagħha hija proprju għaliex il-konvenuta qed tittenta tisħaq illi ħadet il-flus *cash* magħha fil-ġurnata tal-operazzjoni sabiex tħallas għal dan l-imsemmi intervent mediku.

[1] Ref.: 4/2008

Issa, fir-rigward tal-ammont mitlub mis-soċjeta' attriċi fil-konfront tal-konvenuta, il-konvenuta xehdet fit-30 ta' Mejju 2022, illi hija ma ħallset xejn minn qabel għal dan l-intervent mediku peress illi meta ġiet mitluba mis-soċjeta' attriċi sabiex tħallas parti mill-pagament qabel l-intervent mediku, hekk kif isir is-soltu, il-konvenuta m setgħetx toħroġ mid-dar u ftehmet mal-ħaddiema tas-soċjeta' attriċi illi tħallas kollox f'daqqa (a fol. 89). Jidher ukoll illi sad-data tan-nota tas-sottomissjonijiet ippreżentata minnha fit-2 ta' Mejju 2024, kienet għadha ma ħallset xejn lis-soċjeta' attriċi (a fol. 122 et seq).

Ukoll, is-soċjeta' attriċi ippreżentat l-*invoice,* li kopja tagħħa tinsab a fol. 100 u 101, illi turi ċar illi l-ammont tal-intervent mediku kien proprju ta' ħamest elef Ewro (Eur 5,000.00). Biex dan it-Tribunal ikun korrett, dan it-Tribunal qed jaċċenna wkoll illi din l-imsemmija *invoice* turi għaxar Ewro (Eur 10) iktar, b'dan illi pero' ir-rappreżentant legali tas-soċjeta' attriċi iċċara fil-verbal datat 30 ta' Mejju 2022 illi t-talba tas-soċjeta' attriċi ser tkun limitata għal ħalest elef Ewro (Eur 5,000.00) minħabba l-ġuridizzjoni ta' dan it-Tribunal (a fol. 79). Għal kull buon fini, dan it-Tribunal ra wkoll illi Albert Micallef, ir-rappreżentant legali tas-soċjeta' attriċi, xehed fit-30 ta' Mejju 2022, illi kien hemm xi problema tal-codes u għalhekk ukoll ippreżenta l-fattura oriġinali maħruġa mill-aġent, liema kopja tinsab a fol. 102, b'dan sabiex ma jkunx hemm dubju li l-ammont globali illi l-konvenuta hi dovuta lis-soċjeta' attriċi huwa ta' ħamest elef Ewro (Eur 5,000.00) (a fol. 83).

Għaldaqstant, dan it-Tribunal hu tal-fehma illi s-soċjeta' attriċi ippruvat sal-grad rikjest mil-Liġi illi s-soċjeta' attriċi hija dovuta dan l-imsemmi ammont ta' ħamest eleft Ewro (Eur 5,000.00) mingħand il-konvenuta.

- Imgħax

Ġjaladarba hu stabbilit illi l-konvenuta hi obbligata illi tħallas tali ammont ta' ħamest elef Ewro (Eur 5,000.00) lis-soċjeta' attriċi, irid ikun determinat l-ammont tal-imgħax hekk ukoll dovut lis-soċjeta' attriċi ġjaladarba s-soċjeta' attriċi qed titlob tali imgħax fl-avviż tat-talba.

F'dan ir-rigward, it-Tribunal jagħmel referenza għall-artikolu 1141 tal-Kodiċi Ċivili, Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta. F'dan il-każ, jidher illi tali obbligazzjoni hija ta' natura kummerċjali skond Artikolu 5 (e) il-Kodiċi tal-Kummerċ, Kap. 13 tal-Liġijiet ta' Malta. B'dan illi għaldaqstant, għandu japplika is-sub-artikolu 1 tal-Artikolu 1141 hawn imsemmi. Għaldaqstant, tali imgħax beda jiddekorri mid-data ta' meta kellu jsir kull pagament mitlub mis-soċjeta' attriċi u s-soċjeta' attriċi staqsiet għall-pagament dovut billi ippreżentat l-*invoice* lill-konvenuta fit-30 ta' Lulju 2020, u fil-fatt il-kopja tal-*invoice* li tinsab a fol. 100 u 101 hija datata 30 ta' Lulju 2020, u b'dan illi tali imgħax beda jiddekorri mid-data hawnekk indikata u għandu jibqa jiddekorri sad-data tal-ħlas effettiv. B'dan ukoll illi l-imgħax ta' tmienja fil-mija (8%) ikun applikabbli. L-imgħax ta' tmienja fil-mija (8%) hu dak l-ammont ipprovdut fil-Kodiċi Ċivili illi għandu japplika, sakemm il-partijiet ma jiftiehmux fuq ammonti inqas jew sakemm ma tkunx applikabbli il-leġiżlazzjoni sussidjarja 16.06, u liema żewġ eċċezzjonijiet ma japplikawx f'dan il-każ.

Talba rikonvenzjonali

Il-konvenuta saħqet illi s-soċjeta' attriċi hi dovuta lill-konvenuta l-ammont ta' ħamest elef Ewro (Eur 5,000.00) minħabba illi skond il-konvenuta, is-soċjeta' attriċi aġixxiet b'mod negliġenti u traskurat li wassal sabiex il-konvenuta tkun misruqa dan l-ammont ta' flus hawnhekk imsemmi meta kienet rikoverata ġewwa l-istpar li huwa proprjeta' tas-soċjeta' attriċi.

L-ewwelnett, ħareġ ċar tul dawn il-proċeduri illi kull kamra fejn il-pazjent ikun rikoverat ġewwa l-isptar li huwa proprjeta' tas-soċjeta' attriċi għandu *safe*, u dan kif xehdu fost oħrajn Silvia Grech fit-28 ta' April 2022 (a fol. 56) u Albert Micallef (a fol. 62) li wkoll ippreżenta ritratt tal-kamra li turi tali *safe* u liema kopja tar-ritratt tinsab a fol. 69. Dan juri b'mod ċar illi s-soċjeta' attriċi mhux talli anqas kienet negliġenti talli tipprovdi wkoll is-sigurta' neċessarja għall-proprjeta' tal-pazjenti tagħha.

Dan it-Tribunal innota wkoll illi l-konvenuta iffirmat il-*Property Disclaimer form*, li kopja tagħha tinsab a fol. 75, u li l-konvenuta iffirmat tali formola proprju dakinhar illi marret ġewaw l-isptar li huwa proprjeta' tas-soċjeta' attriċi sabiex tkun tista' tirċievi l-intervent mediku minnha rikjest. Il-konvenuta ikkonfrmat illi l-firma fuq l-imsemmija formola hija proprju tagħha fix-xhieda tagħha tat-30 ta' Mejju 2022 (a fol. 90). Il-konvenuta immarkat fuq din l-imsemmija formola illi hi m'għandha xejn ta' valur illi hi poġġiet fl-imsemmi *safe*. Tali formola turi wkoll illi l-konvenuta kellha wkoll l-opportunita' illi tagħti xi proprjeta' tagħha lill-isptar għas-sigurta' neċessarja u tingħata irċevuta f'dan ir-rigward pero' wkoll qalet li din mhix applikabbli għaliha. B'dan illi, għaldaqstant, il-konvenuta kellha opportunitajiet ampji sabiex li kieku kellha tali flejjes fuqha *cash* tinforma lill-isptar bihom sabiex jinżammu f'post sikur. F'dan ir-rigward, ir-rappreżentanza legali tal-konvenuta ittentat tgħid fin-nota tas-sottomissjonijiet illi persuna tiffirma tali formola ftit sigħat biss qabel ikun ser isirilha l-intervent mediku u tkun mimlija anzjeta' u biża (a fol. 128). Biss pero', il-Liġi nostrana u wkoll il-ġurisprudenza tagħna hija ċara meta kunsens jista' jkun ivvizzjat bi frodi jew qerq, hekk kif ser ikun diskuss hawn taħt.

- Kunsens ivvizzjat bi frodi

Fis-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-20 ta` Marzu, 2003, fil-kawża fl-ismijiet ***Joseph Aquilina et v. Alfred Ellul***, hemm elenkati l-erba' elementi li huma mehtiega li jikkonkorru sabiex il-qerq jivvizzja l-kunsens, u liema huma:

*"(a) l-intenzjoni li jqarraq da parti tal-parti l-ohra;*
*(b) l-ghemil doluz irid ikun gravi;*
*(c) id-dolo trid tkun determinanti biex gie iffirmat il-kuntratt; u*
*(d) id-dolo irid ikun sehh bil-partecipazzjoni, attiva jew passiva, tal-parti l-ohra."*

Inoltre, il-Qorti kemm fl-istess sentenza u kemm ukoll fis-sentenza ***Maria Francesca Stevens v. Caroline Gatt***[2] qalet illi *"l-frodi jrid dejjem jigi ppruvat, bi kwalunkwè mezz Ii tippermetti l-ligi, izda dik il-prova trid tirrizulta b'mod car u cert u ma tistax tigi prezunta."*

F'dan il-każ, pero', huwa ċar illi l-konvenuta kienet ben konsapevoli tal-proċedura illi hija addottata mill-isptar illi huwa proprjeta' tas-soċjeta' attriċi u dan għaliex bintha għamlet l-istess intervent mediku biss xahrejn qabel u fejn bintha fil-fatt marret mal-konvenuta dakinhar tal-intervent mediku filgħodu meta l-konvenuta iffirmat tali formola hawn fuq imsemmija. Fil-fatt, il-konvenuta xehdet fit-30 ta' Mejju 2022 illi "…*ghax jiena it-tifla xahrejn qabel ghamlitha din l-operation*" (a fol. 89) u Chanise Grech, it-tifla tal-konvenuta xehdet fit-30 ta' Mejju 2022 illi hija marret ma' ommha l-isptar u baqgħet hemm sakemm ommha daħlet għall-intervent mediku (a fol. 92 u 93) b'dan illi l-konvenuta qatt ma tista' tallega illi l-kunsens tagħha ingħata b'xi mod frawdolenti.

- <u>Kunsens ivvizzjat bi vjolenza</u>

Artikolu 977 tal-Kodiċi Ċivili, Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta, jistipula illi jekk il-kunsens jittieħed bil-vjolenza allura tali kuntratt bejn il-partijiet għandu jitqies null u bla effett. Biss pero' Artikolu 978 tal-Kodiċi Ċivili jipprovdi meta titqies li hemm vjolenza b'dan illi tali Artikolu jgħid illi

*"978. (1) Il-kunsens jitqies meħud bil-vjolenza meta l-vjolenza hija tali li taħkem fuq persuna raġonevoli u ġġegħilha tibża' li hija nfisha jew ħwejjiġha jistgħu jiġu mqiegħda għal xejn b'xejn f'perikolu ta' ħsara kbira.*

*(2) F'dawn il-każijiet, għandhom jitqiesu l-età, is-sess, u l-kondizzjoni tal-persuna."*

Jista' jkun hemm ukoll vjolenza morali, biss pero' l-Qrati tagħna kellhom l-opportunita' illi jfissru meta tali vjolenza tista' twassal għan-nullita' tal-kuntratt bejn il-partijiet. L-Onorabbli Qorti fis-sentenza ***Camilleri v. Vella***, deċiża fid-9 ta' Ġunju 2003, spjegat illi

*"l-istat ta' anzjeta' u turbulenza tal-persuna ma jfissirx li l-kunsens ikun vizjat, għax fin-nuqqas ta' prova ta' theddida ta' vjolenza fiżika impellenti, darba li jirriżulta li l-kontraent kien jaf x'inhu jagħmel, il-kuntratt m'għandux jitħassar."*

F'dan il-każ, pero', kif ingħad diġa' qabel, huwa ċar illi l-konvenuta kienet ben konsapevoli tal-proċedura illi hija addottata mill-isptar illi huwa proprjeta' tas-soċjeta' attriċi u dan għaliex bintha għamlet l-istess intervent mediku biss xahrejn qabel u fejn bintha fil-fatt marret mal-konvenuta dakinhar tal-intervent mediku filgħodu meta l-konvenuta iffirmat tali formola hawn fuq imsemmija. Fil-fatt, il-konvenuta xehdet fit-30 ta' Mejju 2022 illi "…*ghax jiena it-tifla*

[2] 31 ta' Jannar 2018, Qorti tal-Appel, Ref.: 481/2013

*xahrejn qabel ghamlitha din l-operation*" (a fol. 89) u Chanise Grech, it-tifla tal-konvenuta xehdet fit-30 ta' Mejju 2022 illi hija marret ma' ommha l-isptar u baqgħet hemm sakemm ommha daħlet għall-intervent mediku (a fol. 92 u 93) b'dan illi l-konvenuta qatt ma tista' tallega illi l-kunsens tagħha ingħata b'xi mod vjolenti.

- <u>In-ness tal-prova</u>

Jekk it-Tribunal ikollu jħares lil hinn mill-fatt illi l-konvenuta iffirmat il-formola hawn fuq imsemmija, dan it-Tribunal jagħraf ukoll illi hu prinċipju assodit fil-Liġi tagħna, u ċioe' skond l-Artikolu 562 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, illi "*Bla ħsara ta' kull dispożizzjoni oħra tal-liġi, l-obbligu tal-prova ta' fatt imiss dejjem lil min jallegah.*" Il-Qrati tagħna wkoll iddiskutew b'mod ampju tali prinċipju, fosthom fis-sentenza ***Anna mart Joseph Dingli v. Brian Abela u Arthur Ebejer***.[3]

F'dan il-każ, il-konvenuta naqset bi kbir tipprova illi tali flejjes fl-ammont ta' ħamest elef Ewro (Eur 5,000.00) kienu verament fil-basket tagħha ġo envelop abjad. L-ewwelnett, il-konvenuta xehdet illi daħlu diversi nies fil-kamra tagħha meta skond hi kellha l-envelop bil-flus ġol-basket, ukoll familjari, u dak skond ix-xhieda tagħha tal-10 ta' Mejju 2021 (a fol. 24) u tat-30 ta' Mejju 2022 (a fol. 86 u 87) b'dan illi ma ġabet ebda prova illi *se mai* tali flejjes ittieħdu minn xi ħadd li jaħdem mas-soċjeta' attriċi u mhux minn xi membru tal-familja tagħha.

Inoltre', is-soċjeta' attriċi ippruvat tfittex jekk tali allegazzjoni tal-konvenuta hix verament minnha billi:

1. Ir-rappreżentanza legali tas-soċjeta' attriċi ippruvat tistaqsi dwar dawn il-flejjes lill-konvenuta stess meta l-konvenuta xehdet fl-10 ta' Mejju 2021 sabiex wieħed ikun jista' forsi jintraċċa tali flejjes pero' tali investigazzjoni ma setgħetx issir peress illi r-rappreżentanza legali tal-konvenuta oġġezzjonat bi kbir għal dawn il-mistoqsijiet (a fol. 23 sa 26) u b'dan illi l-konvenuta xehdet fid-data hawn imsemmija illi fir-rigward ta' tali flejjes "*Jien hadt legittima tal-papa'; kienu merfughin id-dar…*" Filwaqt illi dan it-Tribunal jifhem l-oġġezzjoni tal-mistoqsijiet, dan it-Tribunal jifhem ukoll ir-raġuni għaliex ir-rappreżentanza legali tas-soċjeta' attriċi staqsiet tali mistoqsijiet għaliex kif qalet hija stess, jekk tali flejjes ikunu nġibdu minn xi bank, wieħed jista' faċilment jippreżenta rendikont tal-i*statement* tal-bank.

2. Is-soċjeta' attriċi ippreżentat USB stick li fiha "*filmat li jaghti ghal dik il-kamra fejn kienet qieghda tigi rikoverata l-konvenuta…*" (a fol. 22) u wkoll ritratt f'dan is-sens fejn mill-filmat ma jidher xejn suspettat.

3. Is-soċjeta' attriċi ġabet jixhed lill-Ispettur Melvin Camilleri fil-11 ta' Novembru 2021

[3] 3 ta' Diċembru 2004, Qorti tal-Appell, Ref.: 1231/1994/1

fejn huwa xehed illi "*…il-pulizija kienu ccekjaw biex jaraw jekk hemmx xi CCTVs li setghu jghinu l-investigazzjoni, pero' fejn kien il-basket ma kinex hemm CCTVs u fl-areas fejn kien hemm is-CCTVs jghaddu wisq nies li stajna nidentifikaw lil xi hadd li seta' kien involut…bhala pulizija ma wasalniex biex nistghu at least ikollna indizzju min seta' kien biex ghal inqas nibdew inkellmu n-nies…*" (a fol. 84 u 85).

F'dan ir-rigward, it-Tribunal jirreferi wkoll għan-nota tas-sottomissjonijiet ippreżentata mill-konvenuta illi kemm il-Liġi nostrana u anke il-ġurisprudenza msemmija minnha li jinsabu msemmija a fol. 132 sa 134, isaħħu iktar il-ħsieb tat-Tribunal hawn fuq spjegat.

**Decide**

Għaldaqstant, dan it-Tribunal jaqta´ u jiddeċiedi billi jilqa´ t-talba tas-soċjeta' attriċi għall-ammont ta´ ħamest elef Ewro (Eur 5,000.00) rappreżentanti prezz ta' servizzi mediċi u servizzi oħra konnessi u anċillari mogħtija lill-konvenuta fuq talba tal-istess konvenuta bl-imgħax ta' tmienja fil-mija (8%) li beda jiddekorri mit-30 ta' Lulju 2020 sad-data tal-ħlas effettiv u jikkundanna lill-konvenuta sabiex tħallas dan l-ammont hawnhekk imsemmi.

Jiċħad it-talba rikonvenzjonali għar-raġunijiet hawn fuq premessi u tillibera lis-soċjeta' attriċi mill-osservanza tal-ġudizzju.

L-ispejjeż ġudizzjarji marbuta ma´ dawn il-proċeduri huma kollha a kariku tal-konvenuta.

**Avv. Ilona Schembri**
Ġudikatur